# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 1223/11/1 AE**

**Victor Fenech**

**v.**

**Malta Freeport Terminals Limited (C–27581)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2015 (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tiegħu (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") u sabet li l-kumpanija mħarrka ħatja tal-korriment li l-appellant ġarrab waqt ix-xogħol tiegħu magħha f'April tal-

2008 u tal-ġrieħi li ġarrab f'dak l-inċident, u illikwidat id-danni mġarrba fis-somma ta' mitejn u tlieta u għoxrin elf tliet mija u sebgħa u sittin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€ 223,367.58) u ordnat lill-kumpanija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") tħallsu dik is-somma likwidata flimkien mal-imgħax fuqha minn dakinhar tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv u kif ukoll li tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Biex waslet għal dik id-deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Il-kaz jitratta dwar incident fuq il-post tax-xoghol. L-attur jahdem bhala port worker. Fost id-dmirijiet tieghu jrid isuq trukk fil-Freeport Terminal, Kalafrana. Fit-23 ta' April 2008 kien qieghed ghax-xoghol. Waqt li l-attur kien fil-kabina tat-trukk jistenna sabiex jitghabba container li kien qieghed jitnizzel permezz ta' krejn, jidher li f'hin minnhom il-container inqata' minn ma' spreader tal-krejn meta l-qiegh tal-container kienu ghadu m'huwiex iserrah fuq it-trukk. Dan wassal biex il-container nizel b'tisbita fuq it-trukk. Bl-iskoss l-attur wegga. Min-naha tal-konvenut l-incident gie deskritt hekk:*
>
> *"Whilst PWS driver Victor Fenech (Kapsai) was under QC18 waiting for a 20' container to be loaded on Tug 149, the spreader got stuck to the container and consequently the spreader lifted back up the container which then fell on the trailer and Victor suffered severe back pain" (fol. 57).*
>
> *"Skond ir-rapport tal-perit mediku, l-attur qieghed ibati minn debilita permanenti ta' 15% (fol. 97). Hu rrelata:-*
>
> > *"Jidher li s-sur Fenech sofra hsara fir-R. hip joint minhabba l-iskoss li ha fl-incident imsemmi.*
> >
> > *"B'xorti hazina, ladarba l-qarquca ta' dal-gog garrbet hsara, dil-hsara x'aktarx tkompli tikber maz-zmien. Ghalhekk x'aktarx li s-sur Fenech ser ikollu artrite fil-hip joint lemini fl-eta' pjuttost zghira. Il-fatt li zdied fil-piz minhabba n-nuqqas ta' attivita' ma jghinx. Is-sur Fenech kellu jbiddel xi ftit ix-xoghol li kien jaghmel qabel u kellu jieqaf milli jkompli jilghab il-football u jahdem parti-time bhala bidwi.*
> >
> > *"Ghalhekk is-sur Fenech x'aktar li ser ikollu bzonn xi forma ta' hip replacement f'eta' relattivament zghira. U jekk ikollu jaghmel din l-*

*operazzjoni, x'aktarx ikollu jaghmel operazzjoni ohra (revision) ftit snin wara".*

*"**Responsabbilta'**.*

*"Il-konvenuta ssostni li m'hijiex responsabbli ghall-incident.*

*"Mill-provi rrizulta li waqt li jkunu qeghdin jinhattu u jitghabbew il-containers, ix-xufiera jridu jibqghu fit-trukk (ara deposizzjoni ta' Dr Borg Myatt, fol. 142[1]). Dan ix-xhud qal li jekk ix-xufiera jithallew johorgu mit-trukk sakemm jinhatt jew jitghabba container:-*

> *"[…] tispicca ghandek moll twil kilometru ha jkollok, jekk ghandek tletin trukk, tletin xufiera ghaddejjin fuq il-moll u fuq rashom nezlin il-kontejner. Wara li sehh dan l-incident ma ttiehdu l-ebda mizuri. Is-sistema ghadha hekk sal-lum".*

*"Dan il-process hu mghaggel u m'hemmx hin x'jintilef. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni ta' Ivan Curmi (fol. 156)[2] li kkonferma kemm hu mghaggel il-process u:*

> *"…. biex l-ispreader biex jitla' minn isfel sa fuq tal-crane jiehu inqas minn …. tletin sekonda. Igifieri jkun tela' cirka hdax-il sular".*

*"Hi d-decizjoni tal-konvenuta li x-xufiera ma jistghux jinzlu mit-trukk waqt il-process. M'hemmx ghalfejn tkun tas-sengha biex taghraf li fil-process kif qieghed jithaddem ix-xufiera huma esposti ghal riskju. Il-containers jitnizzlu bil-crane minn gholi konsiderevoli (ara ritratt VF4 a fol. 37[3]). Ghalkemm jithaddmu min-nies tas-sengha, qeghdin joperaw l-ingenji minn gholi konsiderevoli minghajr ebda assistenza ta' cameras.*

*"Dan apparti li fil-kaz in ezami rrizulta kif il-krejn kien qieghed jigi operat minn certu Orlando Pisani, li ftit granet qabel kien ghadu kif beda jahdem bhala trainee[4]. Sahansitra jidher li kien hemm okkazzjonijiet meta kien qieghed jithalla jopera l-krejn minghajr ebda supervizjoni. Fatt li l-konvenuta ma gabitx prova kontra tieghu u li fil-fehma tal-qorti turi nuqqas ta' serjeta' min-naha tal-konvenuta.*

*"Il-qorti ma tqiesx li r-riskju li jsehh incident bhal dak in ezami, hu remot jew impossibbli. 'Il fatt li incidenti simili huma rari ma jfissirx li m'humiex prevedibbli. Gialadarba dan ir-riskju jittiehed b'mod konsapevoli, m'ghandux ikun li l-konvenuta tipprova tfarfar mir-responsabbilta meta jinqala' incident simili dak in ezami. Il-konvenuta ghandha dmir tizgura li l-haddiema ma jkunux esposti ghal dawn it-tip ta' riskji. M'huwiex il-kompitu tal-qorti li tidentifika x'jista' jsir biex l-inklumita tax-xufiera tigi*

---

[1] Ara wkoll deposizzjoni ta' Ivan Curmi, ufficjal tal-kumpanija konvenuta.
[2] Maintenance and repair manager.
[3] Ivan Curmi xehed: *"Bejn wiehed u iehor bejn l-gholi fejn ikun l-operator, il-kabina u t-trailer ikun hemm xi hdax-il sular"*.
[4] Xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (fol. 90).

*salvagwardjata. Id-dmir hu fuq il-konvenuta li tiggarantixxi ambjent sigur gewwa l-Freeport lil kull min jahdem hemm gew, gialadarba tmexxieh hi[5]. Ambjent li fil-fehma tal-qorti m'huwiex jigi pprovdut lill-attur u haddiema ohra bhalu.*

*"Ix-xhud Ivan Curmi ta x'jifhem li dak li gara kien minhabba difett fil-container:*

> *"Jista' jkollok kaz fejn il-container ikun xi ftit deformed. Hu bhala operator ikun ghafasha l-buttuna biex jizganca t-twist locks, imma ghax il-container ikun xi ftit deformed dawn xorta jkunu maqbudin ftit mal-kontejner. Hu bhala operator mhux ser ikun jaf li jezisti dan id-difett. Xorta ser tidher il-bozza hadra. Jekk il-crane ma jkollux bozza hadra jew hamra, ma jkunx jista' jahdem. Ma jkunx jista' jtella' jew jimmanuvra l-ispreader. Din hija safety feature. Wara l-incident din l-ispreader baqghet tintuza. Ma kien hemm l-ebda intervent fuqha.* ***Id-difett nifhem li kien fil-kontejner****" (fol. 156).*

*"Pero' ma tressqet l-ebda prova konkreta li l-kontejner kien difettuz[6]. M'hemmx prova li sar xi ezami fuq il-container involut fl-incident. Dan apparti li l-qorti taqbel mar-ragunament tal-attur, li 'l fatt li hu maghruf li container jista' jkollu xi difett, jaghmel l-akkadut iktar prevedibbli. F'kull kaz il-problema hi li x-xufier hu obbligat li jibqa' fit-trukk waqt dan il-process u m'hemmx cameras mal-ispreader. Lanqas ma jirrizulta li fuq il-moll ikun hemm xi ufficcjali qieghed jassisti lill-operatur tal-krejn. Ikun hemm biss tally clerk maghluq f'kabina li tifforma parti mill-krejn u li xogholu hu li jghodd in-numru ta' containers telghin u nezlin. Dan ifisser li l-konvenuta qeghda tesponi lil nies bhall-attur ghall-periklu.*

*"**<u>Likwidazzjoni danni</u>**.*

*"Mill-provi rrizulta li l-attur dam barra bis-sick leave mit-23 ta' April 2008 sas-16 ta' Jannar 2011[7], li wassal ghal telf ta' qliegh (gross wages) ta'* ***€172,096.17*** *(Dok. GC1 a fol. 70). Minn din ic-cifra trid titnaqqas it-taxxa li kien ihallas l-attur (ara sentenza ta' din il-qorti fil-kawza* ***Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana****, 4 ta' Mejju 2015). Ghalhekk a bazi ta' dak li ser jinghad hawn taht, il-qorti ser tnaqqas 26% minn din is-somma, u t-total hu ta'* ***€127,351.17****.*

---

[5] Ara wkoll gurisprudenza li hemm riferenza ghaliha fis-sentenza **E. Borg et vs Malta Freeport Terminals Limited et** tal-20 ta' Marzu 2012 (Prim'Awla, Imhallef L. Farrugia Sacco). Rilevanti wkoll hi s-sentenza **R. Spiteri vs Malta Freeports Terminal Limited** tal-5 ta' Ottubru 2007 (Prim'Awla, Imhallef G. Valenzia).

[6] Dr Duncan Borg Myatt, ufficjal tal-kumpanija konvenuta, semma wkoll li jista' jkun il-kaz li t-trukk ma jkunx dritt. Pero' qal ukoll: *"Mistoqsi jekk, fil-fatt, f'dan il-kaz in partikolari garax hekk, nghid illi jien ma kontx fuq il-post….."* (fol. 132). Hu veru li iktar tard xehed: *"Pero' meta wiehed jinvestiga jew jistudja ghalfejn seta' gara hekk, huwa ghaliex it-trukk ma jkunx linejari taht il-container"* (fol. 135). Pero' mbaghad qal li hu m'huwiex persuna teknika. M'hemm l-ebda prova li l-attur kellu xi htija ghal dak li gara. F'kull kaz jekk it-trukk ma jkunx dritt, allura l-operator m'ghandu qatt jipprova jhott il-*container* qabel it-trukk ma jkun qieghed fil-posizzjoni mehtiega.

[7] Il-qorti fehemet li t-tabib inkarigat mill-kumpanija konvenuta baqa' jiccertifika lill-attur li kien ghadu m'huwiex b'sahhtu biex jirritorna ghax-xoghol (ara deposizzjoni ta' certu Dr Pace, seduta 5 ta' Novembru 2012, fol. 102A li kien inkarigat mill-tabib inkarigat mill-Port Workers Board biex isegwi haddiem tax-xatt li jkunu qeghdin b'*sick leave*).

*"Irrizulta wkoll li tilef l-opportunita' li jaghmel xoghol fil-Marsa ta' transhipment. Skond id-dokument a fol. 105 dan fisser telf ta' €1,045.30. Wara li tnaqqas it-taxxa ta' 26% jibqa' bilanc ta'* ***€773.52****.*

*"Inoltre rrizulta li l-attur fil-perjodu bejn 28 ta' April 2008 sat-23 ta' April 2009, ircieva s-somma ta' €1,316.36 bhala ghajnuna finanzjarja, u fil-21 ta' Ottubru 2011 is-somma ta' €2,249.75 bhala disability gratuity. Hlas li rcieva minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, b'total ta'* ***€3,746.11****. Ammont li ghandu jitnaqqas mid-dhul li tilef.*

*"Ghamel ukoll spejjez medici fl-ammont ta'* ***€1,334****, il-parti l-kbira taghhom fizjoterapija matul il-perjodu 29 ta' Lulju 2008 sad-29 ta' Dicembru 2008. Hlasijiet li l-parti l-ohra ma kkontestax.*

*"Total ta'* ***<u>€125,712.58</u>****.*

*"Meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, l-attur semma wkoll li ghaliex kellu bzonn il-flus fil-perjodu li ma kienx qieghed jirrapporta ghax-xoghol, kellu jsarraf Private Retirement Plan. Jirrizulta li din il-polza kienet mal-HSBC Life Assurance Malta Limited u giet surrendered fl-10 ta' Jannar tas-sena 2011 u rcieva s-somma ta' €26,991.43. Jason Gatt xehed:*

> *"Il-valur tal-polza sal-2031 ma nkunux nafuh minhabba 'l fatt li jiddependi mill-prezzijiet tas-suq" (fol. 102D).*

*"Jirrizulta li fid-19 ta' Dicembru 2008 l-attur kien talab ghal premium holiday*[8] *ghal 24 xahar. Imbaghad fit-30 ta' Novembru 2009 talab ghal premium holiday ohra 60 xahar. Madankollu eventwalment iddecieda li jsarraf il-polza.*

*"Il-qorti m'hijiex ser tallokka xi danni f'dan ir-rigward in kwantu:*

*"i. L-attur ma tax prova tal-attiv li kellu meta ddecieda li jsarraf il-polza biex jikkonvinci lill-qorti li l-qaghda finanzjarja tieghu kienet fi stat prekarju li ma kellux ghazla ohra;*

*"ii. Hu evidenti li din it-tip ta' polza ma taghti l-ebda garanzija li ser tircievi lura l-kapital li l-persuna tkun investiet;*

*"iii. Kien hu stess li talab biex jinghata estensjoni ta' premium holiday ghal 60 xahar iehor. Talba li l-qorti tifhem li meta saret ghaliex kien f'posizzjoni finanzjarja li ma kellux bzonn il-kapital. Ma ngabux provi dwar x'gara wara;*

*"iv. Il-polza ssarrfet fit-3 ta' Jannar 2011, ftit granet qabel rega' dahal lura ghax-xoghol u rega' kellu ntrojtu. Il-qorti ma tifhimx x'kienet l-urgenza li tissarraf il-polza gialadarba fuq bazi ta' probabilita' meta*

[8] Perjodu li fih ma jhallasx premium u ma jitlef xejn mid-drittijiet tieghu.

*ghamel it-talba biex issarrafha kien diga' jaf li ser jidhol lura ghax-xoghol;*

*"v. M'huwiex maghruf xi hlas kien ikun intitolat ghalih l-attur kieku ma llikwidax il-polza jew kieku d-decizjoni ttiehdet qabel.*

*"Fil-gurnata tal-incident l-attur kellu 42 sena[9]. Irrizulta wkoll li matul is-sena 2007 il-gross wage tal-attur kienet **Lm27,849** (€64,870.72). Minn din is-somma kwazi 26% minnha thallset bhala taxxa (Lm7,146 [€16,645.70])[10], ghalhekk nett ta' **Lm20,703 (€48,225)**. Ghalhekk f'dan ir-rigward id-danni huma:*

*"€48,225 x 15 il-sena = €723,375 x 15% = €108,506 – 10%[11] = **€97,655***

*"Ghalkemm fl-affidavit l-attur ilmenta li "… l-introjtu tieghi naqas sew…" (fol. 35), prova ma tressqitx. Inoltre, waqt it-trattazzjoni ssemma wkoll 'il fatt li l-perit mediku rrelata li l-attur ser ikollu bzonn hip replacement, u li dan ser ifisser telf ta' xoghol. Il-qorti qeghda tillikwida d-danni llum. M'hemmx prova li sar l-intervent u lanqas m'hemm xi indikazzjoni li qeghdin isiru preparamenti sabiex isir. F'dan ir-rigward il-qorti ma tistax toqghod tispekula ta' x'jista jigri fil-futur*";

3. L-attur ħassu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba u b'Rikors tal-Appell imressaq fl-4 ta' Awwissu, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, huwa talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha sabet sabet lill-appellata ħatja tal-inċident li fih korra u safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet imqajmin minnha u safejn laqgħet it-talbiet tiegħu, imma (ii) tħassarha f'dik il-parti tal-likwidazzjoni tad-danni kull fejn l-ewwel Qorti għamlet tnaqqis fil-komputazzjoni li jirrappreżenta s-sehem ta' taxxa tad-dħul (li l-ewwel Qorti qisitu fir-rata ta' sitta u għoxrin fil-mija (26%) tad-

[9] Twieled fil-21 ta' Ottubru 1965 (fol. 34).
[10] Materja diga' trattata fis-sentenza **Anthony Azzopardi et v. Anthony Caruana.**
[11] *Lump sum payment*. Ghalkemm hu minnu li l-kawza giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 2011, pero' ser titnaqqas biss 10% bhala lump sum payment ghaliex mill-multiplier ta' 15 il-sena, mid-data tal-incident diga' ghaddew 7 snin. Ghalhekk l-element ta' incertezza u snin li ghalihom l-attur ser jircievi hlas bil-quddiem hu ferm inqas.

dħul) li huwa kien iħallas fuq is-somma ta' danni likwidata u, minflok, (iii) tirriforma l-*quantum* u l-metodu tad-danni likwidati fis-sens li dan jinħadem fuq il-qligħ gross annwu fir-rigward tal-*lucrum cessans*, u tat-telf soffert bla tnaqqis ta' "taxxa" fir-rigward tad-*damnum emergens*, u billi tordna wkoll li mit-telf ta' qligħ marbut max-xogħol tat-trasbord lanqas ma għandu jitnaqqas ebda ammont rappreżentanti "taxxa" fir-rata ta' 26%, dan kollu salv li huwa jirregola l-pożizzjoni tiegħu mal-awtorità fiskali, u dan (iv) bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

4. B'Risposta mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2015, l-appellata laqgħet għall-appell tal-attur hekk: "tilqa' s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-15 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet hawn fuq premessi u tirrileva li m'għandha tbati ebda spejjeż fir-rigward ta' dana l-appell". Imbagħad qalet li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi din kienet azzjoni għal danni minħabba korriment ta' ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. L-ewwel Qorti sabet li l-kumpanija mħarrka appellata kienet waħedha taħti għall-inċident u għad-debilità li ma tgħaddix li l-ħaddiem appellant kien ġarrab f'dak l-inċident. L-appellanti appella mil-likwidazzjoni li l-ewwel Qorti għamlet hija u tqis x'kumpens kellha tordna lill-appellata tħallsu biex tagħmel tajjeb għall-ħtija tagħha. Ma sar l-ebda appell mill-kwistjoni ta' min kien jaħti għall-inċident u għalhekk f'dak l-aspett is-sentenza appellata tikkostitwixxi ġudikat;

8. Illi l-**aggravju** tal-appellant mill-imsemmija sentenza huwa limitat għall-fatt li huwa ma jaqbilx li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti kellha tnaqqas it-taxxa li huwa kien iħallas fuq is-somma stabilita ta' telf ta' dħul mill-impieg tiegħu għal tul iż-żmien li dam ma jidħolx għax-xogħol minħabba fl-inċident. Jilminta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti għażlet li tuża r-rata ta' sitta u għoxrin fil-mija (26%) bħala r-rata ta' taxxa li kien iħallas fuq dik is-somma, u dan għaliex jgħid li dik ir-rata kienet waħda "approssimattiva" li ma kinitx rappreżentattiva ta' kemm kien tenut iħallas taxxa tad-dħul u wkoll għaliex il-ħlas eventwali ta' taxxa hija ħaġa li huwa jrid jaraha personalment mal-awtorità fiskali kompetenti meta jagħmel id-dikjarazzjonijiet tiegħu skond il-liġi, u mhux determinata minn qorti f'azzjoni għad-danni;

9. Illi l-appellant iżid jgħid li huwa jagħraf li l-ewwel Qorti tat sentenzi oħrajn fl-istess xejra meta ġiet biex tillikwida d-danni f'azzjonijiet ta' korriment, għalkemm wera li, f'dak il-każ ukoll, dik il-Qorti mxiet bi kriterji differenti bejn kawża w oħra[12]. L-appellant jisħaq li dawk is-sentenzi f'kull każ kienu jmorru kontra l-prattika u l-prinċipji mħaddma fil-biċċa l-kbira ta' sentenzi ta' danni mogħtijin mill-Qrati f'Malta f'dan ir-rigward. Filwaqt li jiċċita xi sentenzi b'appoġġ tal-ilment tiegħu, huwa jżid jgħid li jekk kemm-il darba qorti tnaqqas ammont ta' taxxa tad-dħul mis-somma likwidata pagabbli lill-vittma f'kawża ta' danni, dik it-taxxa ma kinitx se' tgħaddi għand l-awtorità fiskali imma tinżamm minn min ikun jaħti għad-danni kawżati. Qal li ħaġa bħal din twassal għal "xenarju indesiderat" fejn il-parti li ġġarrab danni tista' tkun suġġetta għal taxxa fuq is-somma likwidata li minnha tkun diġà tnaqqset rata ta' taxxa mill-qorti li tkun illikwidat id-danni u b'hekk id-danneġġat ikun preġudikat darbtejn. Matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-għaref difensur tal-appellant qanqal argument kuntrarju meta semma li jeżistu ċirkostanzi maħsuba mil-liġi[13] fejn il-likwidazzjoni ta' danni tkun saħansitra eżenti mit-tħaddim tat-taxxa tad-dħul;

10. Illi l-appellata ma ressqet l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward, ħlief li qalet li s-sentenza appellata kien jistħoqqilha tkun konfermata.

[12] Iż-żewġ sentenzi msemmija huma P.A. **16.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***George Żammit v. Malta Freeport Terminals et*** u P.A. **4.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Azzopardi et v. Anthony Caruana*** (din tal-aħħar imsemmija fis-sentenza appellata)(ma sar appell mill-ebda waħda minn dawk is-sentenzi)

[13] B'riferenza għall-Kap 123 tal-Liġijiet ta' Malta

Madankollu, waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-għaref difensur tal-appellata saħqet li l-aggravju tal-appellant kien jitlob lil din il-Qorti taqleb l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti u li, f'kull każ, hemm bosta sentenzi li jitkellmu fuq likwidazzjoni ta' danni minħabba telf ta' qligħ kalkulat fuq id-dħul nett tal-vittma;

11. Illi l-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant jitlob apprezzament xieraq tal-għamla ta' kejl li qorti trid twettaq biex tasal għal-likwidazzjoni ekwa u mistħoqqa tad-danni dovuti lil persuna li tkorri f'inċident. Il-parti tal-likwidazzjoni magħmula fis-sentenza appellata li l-appellant jilminta minnha tirreferi għal żewġ fażijiet ta' żmien: hemm dik il-fażi li matulha huwa kien barra mix-xogħol bis-*sick leave* (jiġifieri minn dakinhar tal-inċident f'April tal-2008 sa Jannar tal-2011) qabel ma reġa' daħal għax-xogħol, u hemm dik il-fażi li tħares lejn il-ġejjieni tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ fażijiet ma jmisshomx jitqegħdu fl-istess keffa għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni, minħabba li tal-ewwel taqa' fil-kategorija ta' telf imġarrab ("*damnum emergens*") filwaqt li tat-tieni taqa' fil-kategorija tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*");

12. Illi din id-distinzjoni tinstab ukoll fid-duttrina li tagħraf bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk, huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of*

*general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain. .. .. In relation to past loss the court will usually know all the factors relevant to the assessment of the loss. If it is a loss of earnings the court has only to ascertain and add up the net earnings lost, and if it is loss caused by out-of-pocket expenditure the court has only to ascertain and add up the total expenditure*"[14];

13. Illi għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant li titkellem dwar it-tnaqqis ta' taxxa tad-dħul mis-somma likwidata għal tul iż-żmien li ma daħalx għax-xogħol (jiġifieri dik li titkellem dwar "*past pecuniary loss*"), din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu li s-somma kellha tkun likwidata fuq is-saħħa tal-paga grossa. Għall-kuntrarju tqis li dik il-likwidazzjoni messha ssir fuq id-dħul nett tiegħu[15]. Dan huwa xieraq ukoll għaliex jimxi mal-prinċipju li, fil-qasam tad-danni mġarrba, l-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-għan tar-*restitutio in integrum*

---

[14] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit.) §§ 3.02, 3.03 u 3.06, f'paġġ. 64 – 5

[15] Kemp *op cit* § 3.20, f'paġ. 70

safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[16]. Min-naħa l-oħra, li kieku l-appellant ma ġralux dak li ġralu, huwa kien jitħallas il-paga netta matul iż-żmien imsemmi[17];

14. Illi għat-tħassib imsemmi mill-appellant dwar iż-żamma tar-rata tat-taxxa minn fuq is-somma likwidata u kif b'dan l-appellata, bħala danneġġanti, tkun qiegħda tikseb frott mill-ħtija tagħha stess, din il-Qorti tgħid li hawnhekk wieħed qiegħed jitkellem minn likwidazzjoni li qiegħda ssir fil-kawża żmien wara li seħħ l-inċident u fejn il-mira tal-Qorti tkun li tagħti r-rimedju xieraq lill-parti mġarrba u mhux li tifli kemm id-danneġġant se jikseb b'tali likwidazzjoni. Bl-istess mod, bis-saħħa ta' dik il-likwidazzjoni l-appellant ser ikun qiegħed jingħata kumpens għal xogħol li ma ħadimx, sewwasew għaliex matul dak iż-żmien ma kienx f'qagħda li jmur għax-xogħol u kien qiegħed jistejqer mill-ġrieħi li ġarrab qabel ma kien f'qagħda li jerġa' jidħol lura;

15. Illi ma jistax jingħad li r-rata ta' tnaqqis ta' taxxa li l-ewwel Qorti ħaddmet fil-kejl tal-likwidazzjoni tat-telf attwali mġarrab kienet waħda maħluqa minn żniedha. Dik ir-rata toħroġ minn prova dokumentali li tinsab fl-atti[18] li tirreferi għad-dħul mix-xogħol tal-appellant fl-aħħar sena

---

[16] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono v. Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[17] Ara App. Ċiv. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et*** § 12
[18] Ara Dok "VF7" f'paġ. 40 tal-proċess

sħiħa qabel seħħ l-inċident u liema prova ressaqha fl-atti l-appellant innifsu. Il-Qorti tinnota li lanqas l-appellant ma ilmenta li dik ir-rata kienet waħda ivvintata mix-xejn, għaliex l-aggravju tiegħu huwa fis-sens li, kienet x'kienet ir-rata ta' taxxa ta' dħul li huwa kien suġġett għaliha, l-ewwel Qorti ma kien messha qatt teħodha in kunsiderazzjoni;

16. Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll safejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda t-tnaqqis ta' rata ta' taxxa fuq l-opportunità mitlufa dwar xogħol ta' trasbord fil-Marsa;

17. Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li din il-parti tal-aggravju tal-appellant mhijiex mistħoqqa u mhix se tintlaqa';

18. Illi kunsiderazzjoni differenti trid issir safejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda t-tnaqqis ta' rata ta' taxxa tad-dħul fuq dik il-parti tal-likwidazzjoni magħmula fis-sentenza appellata dwar t-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*"). Fil-fehma tal-Qorti, huwa f'dan l-aspett li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq u fejn il-linja ta' sentenzi li semma jiksbu r-rilevanza tagħhom. F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun

qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju[19];

19. Illi għalhekk, ladarba l-aggravju tal-appellant sejjer jintlaqa' f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib li għandha tibdel il-likwidazzjoni magħmula f'dak ir-rigward fis-sentenza appellata billi żżomm sħiħa ċ-ċifra tal-moltiplikand ta' erbgħa u sittin elf tmien mija u sebgħin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€64,870.72) li l-ewwel Qorti identifikat bħala s-sies li fuqu kellha taħdem is-somma ta' danni bħala *lucrum cessans*. Il-Qorti tinnota li l-appellant ma ressaq l-ebda ilment miċ-ċifra tal-imsemmi moltiplikand, iżda, bħalma għamel qabel fil-każ tad-*damnum emergens*, mill-fatt li l-ewwel Qorti naqqritha bit-tnaqqis tar-rata tat-taxxa. Għalhekk, il-likwidazzjoni riveduta tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni dovuta lill-appellant titla' għal mija u wieħed u tletin elf tliet mija u tlieta u sittin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€131,363.21)[20]. Dan ifisser ukoll li s-somma riveduta ta' kumpens mistħoqq lill-appellant titla' għal mitejn u sebgħa u ħamsin elf u ħamsa u sebgħin euro u tmenin ċenteżmu (€257,075.80)[21];

20. Illi ladarba l-Qorti mhix se tilqa' għal kollox l-appell tal-attur, jidhrilha li għandu jkun hemm temperament tal-kap tal-ispejjeż għall-finijiet tal-Artikolu 223(3) tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[19] App. Ċiv. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et*** §§ 20 – 2

[20] €64,870.72 x 15 x 0.15 = €145,959.12 – €14,595.91(10% *lump sum deduction*) = €131,363.21

[21] €125,712.59 + €131,363.21 = €257,075.80

***Decide:***

21. Għal dawn ir-raġunijiet, qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' f'parti minnu l-appell** tal-attur dwar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tħassarha f'dik il-parti fejn illikwidat l-ammont ta' kumpens dovut lill-istess appellant fis-somma ta' mitejn u tlieta u għoxrin elf tliet mija u sebgħa u sittin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€223,367.58) u, minflok **tirriformaha** billi tillikwida bħala somma ta' kumpens għad-danni l-ammont ta' mitejn u sebgħa u ħamsin elf u ħamsa u sebgħin euro u tmenin ċenteżmu (€257,075.80), u **tikkonfermaha** fil-bqija; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' dan l-appell** jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu regolati kif imsemmi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm